DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 17 ta' Diċembru 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 242/2014

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, Doreen Coleiro, George Mifsud u David Muscat – L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Tnedija ta' *cartoons* bil-Malti għat-tfal tal-Primarja

---

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar 2015, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti flimkien mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta u Write Deal Association se jniedu żewġ *cartoons* bil-Malti: *Is-Sbejħa Rieqda* u *Il-Ħwejjeġ Ġodda tal-Imperatur*. Dawn se jkunu qed jitqassmu b'xejn fl-iskejjel primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti biex ikunu jistgħu jitgawdew mit-tfal u jitgħallmu bihom.

Se jkunu wkoll aċċessibbli fl-istazzjon tal-YouTube 'ilsien pajjiżi' mis-sit tal-Malti: **malti.skola.edu.mt**.

It-tnedija se ssir fil-Palazz tal-Verdala u tibda fl-10 ta' filgħodu.

**Għaldaqstant nistiednu lill-kapijiet tal-iskejjel biex jinformaw lill-ġenituri ħalli jattendu ma' wliedhom. Minħabba li l-postijiet huma limitati importanti li dawk il-ġenituri interessati jibagħtu ittra elettronika fl-indirizz kunsilltalmalti@gov.mt biex jibbukkjaw il-post/ijiet tagħhom u ta' wliedhom. Se jintlaqgħu l-ewwel 150 li jirreġistraw posthom. Id-dħul huwa b'xejn.**

Din l-attività qed issir bil-patroċinju tal-President ta' Malta, l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca.

Grazzi,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**